MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Civili - Ghawdex Numru. 83/2005/1

**Mark Bonnici**

**vs**

**Michael Farrugia u b' digriet moghti fis-17 ta' Frar 2006 gew kjamati in kawza il-Kunsill Lokali ta' l-Gharb Ghawdex u l-Kummissarju tal-Pulizija. B' verbal tat-3 ta' Marzu 2006 il-konvenut irrinunzja ghal kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Pulizija.**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta' Mejju 2006, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“L-ammont mitlub jirraprezenta valur ta’ danni li ser jigu sofferti mill-attur per konsegwenza ta’ incident stradali li sehh nhar is-26 ta’ Gunju 2005 gewwa l-Gharb, Ghawdex meta l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu numru ta’ registrazzjoni HBB 286 ghal-liema incident l-istess konvenut kien unikament responsabbli u dana kif jirrizultaw l-istess danni mill-annessi zewg dokumenti: markati Dok A u Dok B.

bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta tal-konvenut tal-konvenut li tghid hekk:

“Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Farrugia:

Jecepixxi bir-rispett:

1. In-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal stante li t-Tribunal qatt ma kellu kompetenza fuq danni derivanti minn injuries li wiehed issofri waqt incident automobilistiku u oltre minn dan illum c-centru tal-Arbittragg huwa vestit bil-kompetenza li jismu u jiddeciedi l-mertu.
2. Fil-metru u minghajr pregudizzju ghal premess, huwa bl-ebda mod u manjiera ma huwa responsabli ghal incident in kwistjoni. Huwa kien qieghed issuq bi speed moderat hafna u meta gara l-incident kien strazzjonarju u wieqaf pero l-attur f’liwja baqa’ diehel go fih. Illi ghal istess incident jahti kemm l-attur u l-Kunsill Lokali tal-Gharb li ghandu jigi kjamat fil-kawza
3. Id-danni riklemati huma eccessivi.

Ra l-kontrotalba tal-istess konvenut li tghid hekk:

“ Il-konvenut bl-ebda mod m ahuwa responsabbli ghal dan l-incident li gara tort u htija tas-sewqan traskurat tal-attur li kien jaf li t-triq ma kienitx maghluqa ghat-traffiku. Oltre dan hemm ir-responsabilita’ tal-Kunsill Lokali tal-Gharb Ghawdex.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza li tghdi hekk:

“1. Illi l-Kunsill mhuwiex responsabbli ghad-danni li qeghdin jigu reklamati mill-attur, li minn naha tieghu kien ha l-prekawzjonijiet kollha sabiex minn fejnkellhom jghaddu r-roti tal-maratona, jkun maghluq ghat-traffiku, u dan kif ser jigi ppruvat dettajatament fil-kors tal-kawza;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra:

Bl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut qieghed jiddeklina l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal billi skond kif qieghed jghid hu, issa huwa t-Tribunal tal-Arbitragg li sar kompetenti in materja ta’ kollizjonijiet. Issa dan huwa minnu, u sa mill-1 t’Awwissu 2005, permezz tal-Avviz Legali 279/2005 dak it-Tribunal sar kompetenti biex jisma’ t-tilwimiet kollha li jinvolvu t-traffiku sal-ammont ta’ LM5,000. – ara **Teddy Zammit vs Lavinia Maria Muscat – 22.03.2006** moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kif prezentement ippresedut. Din il-kawza nbdiet wara d-dhul fis-sehh tal-imsemmi Avviz Legali u cjoe’ fit-23.09.2005. B’danakollu, it-Tribunal tal-Arbitragg, tkompli tghid l-istess ligi, huwa hekk kompetenti purke’ ***ma tkunx wahda li jkollha x’taqsam ma’ talba ghad-danni ghal hsara fil-persuna*** ( Ara Kap 387, Ir-Raba’ Skeda, Taqsima A, paragrafu 1.2.) kif hekk hija almenu principalment it-talba prezenti tal-attur. Billi l-mertu tal-kawza ma jeccedix l-LM1,500, dan it-Tribunal baqa’ kompetenti jisma’ tal-materja li tikkonsisti f’*money claim.* Ghaldaqstant l-imsemmija eccezzjoni qieghdha tigi respinta.

Bejn it-tlett partijiet kontendenti, hemm konkordja prattikament fuq il-fattispecje’ intier tal-kaz u b’mod partikolari illi:

1. l-incident mertu tal-kawza sehh waqt tigrija tal-bicikletti organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Gharb gewwa r-rahal tal-Gharb stess, li ha hsieb javza lill-pubbliku u lill-utenti tat-toroq tal-istess rahal b’din l-attivita’. Skond is-Sindku (fol 36) l-attivita giet organizzata mill-Kunsill flimkien ma’ zewg assocjazzjonijiet ohra li isimhom ezatt

m'gharafx jaghti. B'danakollu, dawn l-assocjazzjonijiet ma gewx imsejjhin fil-kawza u allura mhux lecitu, fuq l-istregwa tal-principji dottrinali akkolti mill-gurisprudenza, li l-Qorti tinvesti l-htija, o meno, ta' min mhux parti fil-kawza – **XL.ii.746** iccitata mill-Qorti tal-Appell (Onor P. Sciberras) in re **John Cordina vs Dr Joseph sive Josie Muscat – 28.04.2003.**

2. il-Kunsill ma pprojbiex it-traffiku milli jghaddi, imma pogga zewg wardens fil-pjazza tar-rahal, hdejn il-knisja parrokkjali, biex javzaw lin-nies li riedu jidhlu gewwa r-rahal biex isuqu bil-mod minhabba t-tigrija

3. il-Kunsill permezz ta' nies stazzjonati f'diversi punti tal-korsa, kif ukoll tapes, ha mizuri preventivi sabiex ihares l-inkolumita' tal-gerrejja

4. l-incident sehh fuq in-naha l-ohra tar-rahal, vicin il-kappella ta' San Dimitri, f'inhawi limitrofi u kampestri tar-rahal tal-Gharb, ferm 'il boghod mill-knisja parrokkjali.

5. fil-post fejn sehh l-incident, hemm blind corner u hitan tas-sejjiegh gholjin fuq kull naha, bil-konsegwenza li hemm vizwali sostanzjalment limitata ghall-utenti tat-triq. F'dan il-post ma kien hemm l-ebda persuna ghassa, u ma kien hemm l-ebda sinjal bhal masking tape, kif kien hemm f'postijiet ohra specjalment fejn kien hemm blind corner. It-triq mhix wiesa' bizzejjed biex jghaddu zewg karozzi. Il-konvenut trekken kemm seta' fuq ix-xellug tieghu huwa u jdur, u kien hemm imnejn tghaddi bicikletta fuq il-lemin tieghu.

6. il-konvenut kien inizjalment ghadda minn fejn il-wardens li nfurmawh bit-tigrija u avzawh biex isuq bil-mod (fol 41).

Hemm invece nuqqas ta' qbil dwar fatti ohrajn u b'mod partikolari dwar dawn li sejrin jissemmew u li t-Tribunal jidhirlu li ghandhom l-iktar importanza:

1. Skond l-affidavit tal-attur fl-esperjenza tieghu ta' sewwieq fit-tigrijiet tal-bicikletti, **it-toroq ikunu maghluqin**

ghat-traffiku **jew** ikun hemm twissijiet cari lis-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur illi jkunu qeghdin jigu organizzati dawn it-tlielaq u li mhux biss ghandhom joqghodu attenti imma wkoll li ghandhom jaghtu precedenza lill-kompetituri. Jafferma wkoll li fl-okkazzjoni meta sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, it-triq ma nghalqitx imma r-rotta kollha tat-tellieqa kienet immarkata sewwa b'sinjali, tape, tabelli u barrikati tal-hadid li kienu jindikaw li kienet ghaddejja t-tellieqa. Fid-deposizzjoni tieghu jaghti verzjoni daqsxejn differenti ghax jafferma li huwa u c-ciklisti l-ohra kellhom l-impressjoni li t-triq kienet maghluqa (fol 57). Kien hemm ukoll zewg gwardjani li bdew jiddiriegu t-traffiku (ara fol 19). Fir-risposta tieghu, il-Kunsill Lokali Gharb qal li kien ghalaq it-toroq (fol 67) izda s-sindku, fid-deposizzjoni tieghu, ikkontradica lill-Kunsill ghax qal li anzi accetta li jippartecipa fl-attivita' purke'ma jinghalqux it-toroq, anke ghax kien zmien il-festa tar-rahal.

2. Il-konvenut xehed li huwa u jdur il-blind corner daqq il-horn (fol 42) filwaqt li l-attur jghid li huwa ma semax horn (fol 57). Stranament, ma giet ipprezentata lit-Tribunal l-ebda okkorrenza tal-incident, ghalkemm dan gie rrappurtat lill-pulizija, u minkejja li l-konvenut sahansitra pprezenta rapport li sar minn terzi dwar incident iehor li sehh fl-istess lokalita' bejn sewwieq ta' terza persuna u c-ciklisti (fol 85). Pero' l-konvenut xehed anke dwar x'irrakkonta lill-pulizija fit-temp vergni, u minn dan jemergu certi kontradizzjonijiet li jnaqqsu l-kredibilita' tieghu f'dak li qal. Ikkontro-ezaminat, qal li inizjalment lill-pulizija ma qalilhomx li daqq il-horn u li izda mar iktar tard biex jipprova jbiddel il-verzjoni tieghu inizjali (fol 44) ; qal ukoll li lis-surgenta qalilha li kien wieqaf u li izda din ma nizzlitx hekk fir-rapport (fol 44). Jghid ukoll li r-roti ma gewx fuqu f'daqqa kif irrapporta lill-pulizija; imma l-ewwel ghaddiet rota, huwa waqaf, u mbaghad dahlet ir-rota tal-attur gewwa fih fuq il-faccata tal-vettura tieghu. L-attur (fol 54) jafferma li l-konvenut kien miexi bil-mod filwaqt li x-xhud l-iehor, li kien ic-ciklista li ghadda qablu, ma semma l-ebda daqq ta' horn u l-anqas gie kkontroezaminat dwar dan (fol 23).

Jemergi ghalhekk mill-provi akkwiziti li ghall-incident jahtu fi proporzjon ugwali l-konvenut u l-kjamat fil-kawza: tal-ewwel ghax kien imprudenti fis-sewqan, u manifestament naqas li juza' d-diligenza tal-*bonuspaterfamilias,* meta dar *blind corner* bla ma daqq il-horn – haga li kien tenut jaghmel anke f'cirkostanzi normali, ahseb u ara wara li kien gie mwissi bit-tigrija tal-bicikletti u meta baqa' ghaddej nonostante li kien diga' ghadda ciklist (Ramon Grech) minn hdejh fil-kantuniera,u ghalhekk messu anticipa li setghu jigu iktar ciklisti; tat-tieni ghax ma hax il-mizuri prekawzjonali kollha ghar-rigward tal-post fejn sehh l-incident, bhalma *ex admissis* ha fi bnadi ohra fejn giet imnedija t-tigrija fejn kien hemm *blind corner*: *kellna tar-Red Cross fejn kienu kantunieri u blind corners u barra minn hekk gibna anke l-wardens. Kellna diversi wardens li fejn rajna li hemm bzonn li jkun hemm warden ghax forsi jista' jkun xi kantuniera illi ahjar jidderigiha l-warden milli jidderigiha bniedem normali* (fol 34). Il-Kunsill, galadarba ndahal ghal din l-attivita', kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha **kullimkien** - tabilhaqq, ezercizzju xejn facli, anke tenut kont li t-topografija tal-Gharb u d-dintorni tieghu tikkonsisti f'labirint shih ta' toroq antiki, dojoq, spiss inserrpin u jidhlu go xulxin, bla dubbju ferm iktar addattati ghal zmien il-hmar u l-karettun milli ghal uzu konkorrenti minn vetturi bil-mutur u bhala pista tat-tigrija tal-bicikletti. L-ebda responsabilita' ma tista' invece tigi addossata fuq l-attur billi dan kellu l-precedenza u suppost li kien qieghed isuq f'ambjent li ma kienx normali, fis-sens li t-traffiku kien ristrett fil-movimenti tieghu u suppost issorveljat specjalment fil-postijiet - bhal dak fejn sehh l-incident – li evidentement kienu jipprezentaw grad gholi ta' periklu ghac-ciklisti.

Ghalkemm il-konvenut jecepixxi li d-danni reklamati mill-konvenut huma eccessivi, huwa bl-ebda mod ma kkontesta l-*quantum* waqt il-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut u l-kjamat fil-kawza jhallsu d-danni, li jammontaw ghal LM1496, nofs kull wiehed; filwaqt li jichad il-kontro-talba tal-konvenut salv id-dritt ta' regress kontra l-kjamat fil-kawza *si et*

*quatenus.* L-imghax legali jiddekorri fuq l-ammont dovut mid-data ta’ din id-decizjoni. Spejjez a kariku tal-konvenut u l-kjamat fil-kawza fi kwoti ugwali bejniethom.”

Minn din is-sentenza gie introdott appell mill-imsejjah fil-kawza l-Kunsill Lokali ta' l-Gharb. Il-kontestazzjoni centrali tieghu tikkonsisti fl-aggravju illi t-Tribunal adit ghamel apprezzament skorrett u wasal ghal konkluzjoni zbaljata meta rritjena illi l-Kunsill naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex jiskansa l-incident li sehh u li fih l-attur sofra danni personali;

Huwa ben evidenti mill-kontenut ta' dan l-aggravju illi l-Kunsill appellant mhux qieghed jikkontesta l-fatt *per se* ta' l-incident imma l-involviment tieghu fih, attribwit lilu mit-Tribunal. Dan b' referenza ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal tenna illi l-Kunsill ma hax il-mizuri prekawzjonali kollha ghar-rigward tal-post fejn sehh l-incident. Skond il-Kunsill appellant, invece, hu ha l-mizuri kollha opportuni u adegwati bl-gheluq tat-toroq bil-barrekati u l-partecipazzjoni tal-gwardjani lokali biex jigi assikurat l-andament kif imiss tal-maratona tar-roti organizzata b' kollaborazzjoni bejn l-istess Kunsill u l-Assocjazzjoni tac-Ciklisti. Dejjem fil-fehma ta' l-istess Kunsill appellant jekk kien hemm nuqqasijiet tal-gwardjani lokali jew ta' l-Assocjazzjoni msemmija huwa ma kellux jigi rinfaccjat b' dawn in-nuqqasijiet, in kwantu fejn jikkoncerna lilu huwa adotta l-mizuri kollha okkorrenti;

Premess dan, kif inhu risaput huwa principju ormaj ben konsolidat fil-gurisprudenza taghna dak li jafferma illi wkoll il-Gvern - u dan ighodd ugwalment ghall-entitajiet pubblici u dawk l-ohrajn, bhal kunsilli lokali, li lilhom ikunu devoluti poteri u mansjonijiet f' certi oqsma - hu tenut ghall-osservanza tal-limiti mposti mill-principju "*neminem laedere*". Kif gja gie ritenut ghexiren ta' snin ilu in riferenza ghall-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili "id-disposizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabbli tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika, u ma

taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghall-Gvern; u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregudizzju lit-terzi". ("**Giuseppe Xuereb *et* -vs- Perit Carmelo Micallef *nomine et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1953). F' dan l-istess sens u direzzjoni hi s-sentenza recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell in re "**Carmelo Micallef -vs- Direttur tax-Xoghlijiet**", 28 ta' Frar 2001;

Affermat dan il-principju, ghal dak li jirrigwarda b' mod specifiku r-responsabilita` amministrattiva fil-konfront ta' l-utenti ta' opri pubblici (ad ezempju, it-toroq) dik ir-responsabilita` tinsorgi fil-presenza ta' xi karattru insidjuz f' dik l-istess opra. Dan kif rilevat mid-duttrina Taljana fuq is-suggett u kif ezemplifikat mill-kazistika taghha. Hekk jinghad mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (5 ta' Lulju 2001, Numru 9092)** illi "*nell' esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa è tenuta a far si che l' 'opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l' utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetta insidia o trabocchetto). Tale situazione ricorre, in particolare, quando lo stato dei luoghi è concorrente requisito della non visibilita` oggettiva del pericolo e della non prevedibilita` subiettiva del pericolo stesso*";

Incidentalment, il-principju appena accennat ma huwiex ghal kollox aljen ghall-Qrati taghna. Anke jekk mhux adoperat f' sitwazzjoni identika ghal dik in disamina jew fil-fattispeci tad-decizjoni appena riportata tal-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, l-Qrati taghna ttrattaw sitwazzjonijiet dwar il-perikolu ta' certi magni billi rrikorrew ghal dak li fid-duttrina legali Ingliza hu koncepit bhala "*allurement*", "*trap*" u "*concealed danger*". Ara **Kollez. Vol. XLIV P I p**

**343** u "**Nicholas Mallia -vs- Saviour Baldacchino**", Appell Kummercjali, 12 ta' Dicembru 1989;

Issa huwa minnu li f' dan il-kaz partikolari l-Kunsill Lokali appellant ma kienx imdahhal la f' ezekuzzjoni, u lanqas fil-manutenzjoni, ta' opra pubblika. Huwa pero` kien certament involut fl-organizzazzjoni tal-maratona tar-roti in kwestjoni u, allura, ugwalment, kien dmir tieghu li jippreavverti sitwazzjoni determinata u intensament ta' perikolu b' riferiment ghal kundizzjoni tal-lokalita` fejn proprju sehh l-incident. Bhala organizzatur kien kompitu tieghu li jassikura, ghall-utenti transitanti f' dik il-lokalita` illi dak l-uzu (in partikolari, mill-istess ciklisti) jigi zvolt bla xkiel u bla perikolu. Jekk dan ma ghamlux, jew ma ghamlux sew u kullimkien, l-istess Kunsill ikollu jwiegeb hu wkoll ghad-dannu versu t-terz danneggjat;

Fil-hsieb konsiderat ta' din il-Qorti, it-Tribunal ghamel valutazzjoni xierqa u adegwata tal-provi li kellu quddiemu. Skond l-accertament tieghu huwa sab li kienet tezisti tabilhaqq sitwazzjoni objettiva ta' perikolu (*blind corner*) u ta' insidja, kemm ghall-maratonisti nfushom kif ukoll ghall-utenti ohra, f' dik il-parti tat-triq fejn sehh is-sinistru. Hekk ukoll sab, fuq l-istess apprezzament tieghu tar-rizultanzi istruttorji, illi tenut rigward tal-karatteristiska partikolari taghha dik l-istess parti tat-triq ma kienetx, bhal fil-kaz ta' toroq u mkejjen ohra, ben assikurata u protetta. Korrettement, imbaghad, fil-fehma tal-Qorti, ikkonstata illi f' din il-vicenda kien hemm kondotta kolpuza omissiva da parti tal-Kunsill u ddetermina wkoll n-ness ta' kawzalita` bejn din l-istess kondotta u d-danni subiti mill-attur-utent;

Ikollu jinghad ghalhekk illi mill-kumpless tal-provi anke din il-Qorti irradikat il-konvinzjoni illi l-Kunsill appellant ghandu jwiegeb flimkien mal-konvenut ghad-danni reklamati. Huwa inutili li issa l-Kunsill jittanta jaddossa n-nuqqasijiet accertati fuq il-gwardjani lokali jew l-Assocjazzjoni. Ibda biex hu presuppost li l-gwardjani lokali agixxew ghan-nom tal-Kunsill u bhala subordinati tieghu. Barra minn dan l-

istess Kunsill kellu minn dejjem l-obbligu primarju ta' dik id-direzzjoni u sorveljanza fuq l-operat ta' l-istess gwardjani lokali u allura hi ghal kollox irrilevanti l-asserzjoni illi dawn il-gwardjani esorbitaw mil-limiti tal-mansjonijiet affidati lilhom jew naqsu milli jadempixxu l-istess. Jibqa' l-fatt li l-att jew l-ommissjoni gie kompjut taht il-poter ta' kontroll tal-Kunsill li ddelegahom. Minn dan jikkonsegwi illi r-responsabilita` tal-Kunsill, anke ghall-fatt tal-gwardjani nkarigati minnu, tibqa' tissussisti. Dan mhux biss in bazi ghal xi rapport kontrattwali bejniethom imma anke fil-kaz ta' rapport effettiv li jghaqqadhom flimkien, u fejn il-wiehed, f' posizzjoni ta' subordinazzjoni, jesplika inkariku fl-interess ta' l-iehor u li ghandu, xorta wahda, poter ta' direzzjoni u ta' sorveljanza fuq il-kondotta ta' l-ewwel. Konsegwentement, l-argoment tal-Kunsill appellant f' dan il-kuntest hu destinat li jfalli u l-Kunsill ghandu jibqa' jitqies fi htija flimkien ma' min materjalment ikkaguna d-danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal, tichad l-appell sottomess lilha mill-Kunsill Lokali ta' l-Gharb, bl-ispejjez jitbatew mill-istess Kunsill appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------